MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2010

Talba Numru. 584/2010

**GO p.l.c. – C 22334**

**vs**

**Diana Grioli
I.D. 348087 M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenuta l-hlas tas-somma ta’ sitt mija u sitta u disghin Ewro u erbgha u hamsin centezmu (€696.54), liema ammont huwa dovut lis-socjeta’ attrici n konnessjoni ma’ servizz ta’ kommunikazzjoni, bl-akkont numru AC 40097197 skond diversi kontijiet mibghuta lilha, u skond id-dokumenti annessi ma l-avviz tat-talba.

IZY 1 prospett ghas-servizz relattiv bl-akkont numru 40097197
IZY 2 ftehim dwar is-servizz relattiv bl-akkont numru 40097197

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta’ sitt mija u sitta u disghin Ewro u erbgha u hamsin centezmu (€696.54), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------